EGESIF_15-0008-03
19/08/2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej

# Gwida għall-Istati Membri dwar it-Tfassil tad-Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni u tas-Sommarju Annwali

**Perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020**

*__DIKJARAZZJONI TA’ ĊAĦDA TA’ RESPONSABBILTÀ:__ Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika lil kollegi u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (minbarra l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f’dan il-qasam. L-għan ta’ dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex titħeġġeġ prassi tajba Din in-nota ta' gwida hi bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

**WERREJ**


**I. SFOND** ........ 5

1. Referenzi regolatorji ........ 5

2. L-għan tal-gwida ........ 5

**II. GWIDA** ........ 6

1. Id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ........ 6

1.1 Elementi koperti fil-Parti 1 tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ........ 6

1.1.1 L-informazzjoni fil-kontijiet hija ppreżentata b'mod xieraq, komplut u preċiż skont l-Artikolu 137(1) tas-CPR ........ 6

1.1.2 In-nefqa mdaħħla fil-kontijiet intużat għall-għan intiż tagħha, kif definit fis-CPR, u skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba ........ 6

1.13 L-MCS stabbilita għall-programm tagħti l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, b'konformità mal-liġi applikabbli. ........ 7

1.2 Elementi koperti fil-parti 2 tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ........ 8

1.2.1 L-irregolaritajiet identifikati fir-rapporti finali tal-awditjar jew tal-kontroll fir-rigward tas-sena kontabilistika u rrappurtati fis-sommarju annwali mehmuż mad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ġew ittrattati b'mod xieraq fil-kontijiet ........ 8

1.3 Nefqa li hi suġġetta għal valutazzjoni kontinwa tal-legalità u tar-regolarità tagħha li ġiet eskluża mill-kontijiet, sakemm tiġi konkluża l-valutazzjoni ........ 9

1.4 Id-dejta relatata mal-indikaturi, l-istadji importanti u l-progress tal-programm meħtieġ skont l-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR hi affidabbli ........ 9

1.5 Hemm stabbiliti miżuri kontra l-frodi effettivi u proporzjonati li jqisu r-riskji identifikati ........ 10

1.6 Ma hemm ebda kwistjoni mhux żvelata li tista' tkun ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ........ 10

2. Is-sommarju annwali ........ 10

2.1 Xogħol imwettaq mill-MA fit-tfassil tas-sommarju annwali ........ 11

2.1.1 Daħla ........ 11

2.1.2 Sommarju tar-rapporti finali tal-awditjar ........ 11

2.1.2.1 Aspetti proċedurali ........ 11

2.1.2.2 In-natura u l-portata tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistema ........ 12

2.1.2.3 Azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati ........ 12

2.1.3 Sommarju tal-verifiki ta' ġestjoni ........ 13

2.1.3.1 In-natura u l-portata tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi ........ 14

2.1.3.2 Azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati ........ 14

3. Xogħol imwettaq mill-AA fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ........ 15

4. L-iskedar u l-ippjanar ........ 15

**ANNESS 1 - MUDELL GĦAS-SOMMARJU ANNWALI** ........ 17

**ANNESS 2 - SKEDA TA' ŻMIEN INDIKATTIVA** ........ 23

## LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-Awditjar |
| ACR | Rapport Annwali ta’ Kontroll |
| AIR | Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni |
| CA | Awtorità taċ-ċertifikazzjoni |
| CCI | Code Commun d'Identification (in-numru ta’ referenza ta’ kull programm, mogħti mill-Kummissjoni) |
| CDR | Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta’ Marzu 2014 |
| CIR | Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 207/2015 tal-20 ta’ Jannar 2015 |
| CPR | Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013)[1] |
| REKT | Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (ir-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013) |
| FSIE | Il-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej. Din il-gwida tapplika għall-Fondi SIE kollha (FEŻR, FSE, il-Fond ta’ Koeżjoni, FEMS) ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| ETC | Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013) |
| MA | Awtorità ta' Ġestjoni |
| MCS | Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll |

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1303

## I. SFOND

### 1. Referenzi regolatorji

| Regolament | Artikoli |
|---|---|
| Ir-Reg. (UE) Nru 1303/2013<br><br>Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni<br><br>*(minn hawn 'il quddiem is-CPR)* | L-Artikolu 125(4)(e) tas-CPR - Il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni - responsabbiltà tal-MA għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali |
| Ir-Reg. (UE) Nru 207/2015<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni *(minn hawn' il quddiem is-CIR)* | L-Artikoli 6 (1) u l-Anness VI (mudell tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni) |
| Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU, L 298/1, – 26.10.2012 *(minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Finanzjarju*) | L-Artikolu 59(5) (a) u (b) |

### 2. L-għan tal-gwida

Il-MA hija meħtieġa tfassal dikjarazzjoni ta' ġestjoni u sommarju annwali f'konformità mal-Artikolu 59(5)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 125(4)(e) tas-CPR. Dawn id-dokumenti jikkontribwixxu biex jissaħħaħ il-kontroll intern fil-livell tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-FSIE u biex tiżdied ir-responsabbiltà taħt is-sistema ta' ġestjoni kondiviża.

L-għan ta' dan id-dokument huwa li tingħata gwida prattika lill-Istati Membri dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u tas-sommarju annwali[2].

2 Meħtieġ skont l-Artikolu 125 (4)(e) tas-CPR u l-Artikolu 23 tal-ETC.

## II. GWIDA

### 1. Id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni

Daħla

Il-mudell għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni hija stipulata fl-Anness VI tas-CIR.

Id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni hija magħmula minn żewġ partijiet:

- id-dikjarazzjoni nnifisha li, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, tinkludi tliet elementi marbuta mal-kontijiet, l-użu tan-nefqa li tiddaħħal f'dawn il-kontijiet u l-legalità u r-regolarità ta' din in-nefqa abbażi tal-garanziji mogħtija mill-MCS (minn issa 'l quddiem it-taqsima 1.1); kif ukoll

- konferma mill-MA tal-funzjonament effettiv u konformi tal-MCS fir-rigward ta' għadd ta' elementi ewlenin: trattament xieraq fil-kontijiet ta' irregolaritajiet misjuba, inkluż fil-każ ta' valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa; dejta relatata mal-indikaturi, l-istadji importanti u l-progress tal-programm; miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi; nuqqas ta' informazzjoni mhux żvelata ta' kwistjonijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-politika ta' koeżjoni (minn hawn 'il quddiem it-taqsima 1.2).

Id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għandha ssir għal kull programm b'mod separat u għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni tal-programm matul is-sena kontabilistika. Id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għandha tkun konsistenti mas-sommarju annwali. F'każ ta' programmi plurifond, fejn il-kontijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni separatament għal kull fond, għandha ssir dikjarazzjoni ta' ġestjoni unika mill-MA.

#### 1.1 Elementi koperti fil-Parti 1 tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni

##### 1.1.1 L-informazzjoni fil-kontijiet hija ppreżentata b'mod xieraq, komplut u preċiż skont l-Artikolu 137(1) tas-CPR

Il-MA trid tistabbilixxi sistema biex tirreġistra u taħżen f'għamla kompjuterizzata dejta dwar kull operazzjoni meħtieġa, jiġifieri, għall-fini tal-ġestjoni finanzjarja, tal-verifika u tal-awditjar. Id-dejta finanzjarja rreġistrata mill-MA hi fil-bażi tal-preparazzjoni tal-kontijiet annwali tas-CA. Il-MA hi responsabbli biex tiżgura li hi trażmessa dejta affidabbli lis-CA għall-finijiet tal-preparazzjoni tal-kontijiet annwali. Fil-limiti ta' responsabbiltà bħal din, il-MA hi f'pożizzjoni li tagħti konferma li l-informazzjoni fil-kontijiet hi ppreżentata b'mod xieraq. hi kompleta u preċiża.

Ir-responsabbiltà aħħarija għat-tfassil tal-kontijiet annwali u għaċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tagħhom, madankollu, tibqa' tas-CA.

##### 1.1.2 In-nefqa mdaħħla fil-kontijiet intużat għall-għan intiż tagħha, kif definit fis-CPR, u skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba

In-nefqa mdaħħla fil-kontijiet hi meqjusa li ntużat għall-għan maħsub tagħha u skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba meta, f'konformità mal-loġika ta' intervent tal-programm, tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi u r-riżultati speċifiċi stabbiliti fil-livell tal-assi prijoritarju li taħtu huma magħżula l-operazzjonijiet relatati.

Sabiex tkun tista' tagħti konferma bħal din, il-MA għandha, permezz tal-funzjonament tal-MCS, tkun sodisfatta tal-inqas minn dan li ġej:

- li l-kriterji tal-għażla approvati huma llinkjati mal-**loġika ta' intervent** taħt kull prijorità u huma mfassla biex jagħżlu operazzjonijiet li se jsarrfu f'**outputs u riżultati** konformi mal-objettivi tal-assi prijoritarju u l-qafas relatat tal-indikaturi u ta' prestazzjoni;

- li l-operazzjonijiet li għalihom iddaħħlet in-nefqa fil-kontijiet ġew effettivament magħżula skont **kriterji tal-għażla approvati** u;

- f'każ ta' nefqa relatata ma' **strumenti finanzjarji**, din, barra minn hekk, hi bbażata fuq valutazzjoni ex-ante li stabbilixxiet evidenza ta' fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali;

Għall-ETC japplikaw l-istess prinċipji. Element li ħaqqu attenzjoni partikolari għall-ETC, fuq il-bażi wkoll tal-esperjenza mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, hu l-istabbiliment u l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet xierqa u ċari għall-għażla ta' operazzjonijiet biex jiġi żgurat li jkunu kkofinanzjati biss operazzjonijiet ġenwinament konġunti.

### 1.13 L-MCS stabbilita għall-programm taghti l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, b'konformità mal-liġi applikabbli.

Il-MA hi kapaċi tikkonkludi li l-MCS stabbilita għall-programm tagħti l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, b'konformità mal-liġi applikabbli, meta:

a) il-ħtiġijiet ewlenin tal-MCSs kif dettaljati fl-Anness IV tas-CDR ġej ivvalutati bħala konformi matul is-sena kontabilistika. Il-konformità ma' dawk il-ħtiġijiet ewlenin tiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u r-realtà tal-operazzjonijiet inklużi fi programmi appoġġati mill-FSIE; kif ukoll

b) f'każijiet fejn ġew identifikati istanzi ta' nuqqas ta’ konformità, il-MA qieset ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-AA u, fejn rilevanti, l-awdituri tal-UE fir-rigward tal-programm.

B'mod aktar speċifiku, il-MA kienet sodisfatta tal-inqas ta' dan li ġej:

- l-eżistenza ta' sistema kompjuterizzata affidabbli biex tiġbor, tirreġistra u taħżen dejta dwar kull operazzjoni meħtieġa mill-Anness III tas-CDR, inkluża dejta relatata mal-progress tal-programm fil-kisba tal-objettivi tiegħu, id-dejta finanzjarja u d-dejta relatata mal-indikaturi u l-istadji importanti kif previst mill-Artiklu 125(2)(a) tas-CPR. Meta operazzjoni tkun appoġġata mill-FSE, din għandha tinkludi dejta dwar il-parteċipanti individwali u analiżi statistika tad-dejta dwar l-indikaturi skont is-sess meta dan ikun meħtieġ mill-FSE;

- li, fl-għażla tal-operazzjonijiet, ingħatat attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin:

  - li l-**ambitu tal-intervent** hu fi ħdan it-tipi ta' attivitajiet li jistgħu jiġu kkofinanzjati mill-FSIE;

  - li l-**lokazzjoni ġeografika** tal-operazzjonijiet hi fi ħdan żoni li huma eleġibbli għal dak it-tip ta' programm jew attività;

  - li t-**tipi ta' benefiċjarji** huma eleġibbli **(**ċerti impriżi, korpi jew atturi ekonomiċi biss huma eleġibbli għall-appoġġ taħt miżuri partikolari);

  - li l-**operazzjonijiet huma idumu fiż-żmien** u li l-investimenti jinżammu għal-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 71 tas-CPR;

- li, qabel ma n-nefqa hi ddikjarata lis-CA u saż-żmien li jsiru l-kontijiet, ikunu twettqu verifiki ta' ġestjoni adegwati mis-servizzi tal-MA jew minn korpi intermedjarji taħt is-superviżjoni tagħha. Il-verifiki għandhom jinkludu kemm verifiki fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji (fejn hu ġustifikat jista' jsir fuq kampjun ta' tranżazzjonijiet) kif ukoll fuq verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet, biex b'hekk tkun ikkonfermata l-eżistenza ta' rendikont tal-awditjar adegwat (ara l-*Gwida tal-Kummissjoni dwar il-verifiki ta' ġestjoni, EGESIF_14-0012*);

- li hemm stabbiliti miżuri proporzjonati kontra l-frodi li huma effettivi, u li jitqiesu fiċ-ċertifikazzjonijiet tan-nefqa fil-kontijiet;

- li ttieħdet azzjoni xierqa fir-rigward tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet tas-CA;

- li ttieħdet azzjoni xierqa fir-rigward tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet minn korpi tal-awditjar nazzjonali u tal-UE.

L-istess prinċipji japplikaw għall-programmi tal-ETC iżda dawn jeħtieġu koordinazzjoni akbar minħabba s-sistemi stabbiliti li normalment ikunu kumplessi u l-varjetà tal-atturi. Ir-rwol tas-segretarjat konġunt, il-funzjonijiet tal-kontrolluri msemmija fl-Artikolu 23(4) tal-ETC, u l-arranġamenti bil-miktub li għandhom jiġu stabbiliti bejniethom u l-MA jiffurmaw l-elementi essenzjali tal-MCS għall-programmi tal-ETC.

Għalhekk, il-MA għandha tibbaża d-dikjarazzjoni tagħha fuq il-fatt li l-MCS stabbilita għall-programm tal-ETC tagħtiha l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u f'konformità mal-liġi applikabbli dwar l-apprezzament tal-ħidma kkoordinata tal-korpi u tal-awtoritajiet imsemmija hawn fuq.

### 1.2 Elementi koperti fil-parti 2 tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni

#### 1.2.1 L-irregolaritajiet identifikati fir-rapporti finali tal-awditjar jew tal-kontroll fir-rigward tas-sena kontabilistika u rrappurtati fis-sommarju annwali mehmuż mad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ġew ittrattati b'mod xieraq fil-kontijiet

Għal dan il-għan, il-MA għandha tkun sodisfatta li ingħata segwitu xieraq għall-irregolaritajiet sa żmien is-sottomissjoni tal-kontijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tar-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni proprji u fir-rigward tar-riżultati finali tal-awditjar mill-korpi tal-awditjar nazzjonali jew tal-UE.

Segwitu xieraq ifisser li l-ammonti irregolari korrispondenti ġew effettivament imnaqqsa permezz ta' rtirar ta' pagament interim sussegwenti fis-sena kontabilistika jew bi tnaqqis mill-kontijiet, u li f'dan il-każ hemm informazzjoni xierqa fir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa inkluża fl-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014.

It-tliet noti ta' gwida dwar il-kontijiet[3] jagħtu aktar għajnuna u rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali f'dan ir-rigward.

Fil-każ ta' nuqqasijiet fl-MCS li għalihom kien għadu għaddej is-segwitu meta ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, il-MA tindika taħt din it-taqsima l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa li għadhom għaddejjin (hu previst test ħieles fil-mudell tad-dikjarazzjoni).

[3] Ara l-*Gwida tal-Kummissjoni dwar il-preparazzjoni tal-eżaminazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet EGESIF 15_0018, in-Nota ta' gwida tal-Kummissjoni dwar l-ammonti rtirati, l-ammonti riċevuti, l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati u l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati EGESIF 15_0017 u l-Gwida tal-Kummissjoni dwar l-awditjar tal-kontijiet EGESIF 15_0019.*

### 1.3 Nefqa li hi suġġetta għal valutazzjoni kontinwa tal-legalità u tar-regolarità tagħha li ġiet eskluża mill-kontijiet, sakemm tiġi konkluża l-valutazzjoni

L-Artikolu 137(2) tas-CPR jiddikjara li fejn in-nefqa li preċedentement kienet inkluża f'applikazzjoni għal pagament interim għas-sena kontabilistika tiġi eskluża minn Stat Membru mill-kontijiet tiegħu minħabba valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità ta' dik in-nefqa, kwalunkwe nefqa jew in-nefqiet kollha li sussegwentament jinstab li huma legali u regolari jistgħu jiġu inklużi f'applikazzjoni għal pagament interim b'rabta ma' snin kontabilistiċi sussegwenti.

Is-CA għandha tiddikjara fil-kontijiet biss in-nefqa li nstabet li hi konformi mal-liġi applikabbli, jiġifieri legali u regolari. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tipprovdi l-bażi għall-esklużjoni ta' nefqa mill-kontijiet f'każ li jkunu tqajmu dubji dwar il-legalità u r-regolarità tagħha mid-dikjarazzjoni tagħha f'talba għal pagament interim preċedenti. Dubji bħal dawn setgħu tqajmu permezz ta' xogħol ta' verifika mill-MA, verifiki mis-CA jew awditjar mill-awdituri tal-AA jew tal-UE, li għalihom mhumiex disponibbli riżultati definittivi (sakemm isiru verifiki addizzjonali jew it-tlestija tal-proċedura kontradittorja, pereżempju).

Jekk il-MA għandha dubji fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa wara l-verifiki ta' ġestjoni tagħha, fl-ewwel post m'għandhiex tiddikjara nefqa bħal din lis-CA sakemm tasal għal konklużjoni dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa kkonċernata. Dubji bħal dawn fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa jistgħu jqumu wkoll meta jitwettqu verifiki ta' ġestjoni wara l-inklużjoni ta' nefqa korrispondenti f'talba għal pagament (pereżempju wara verifiki fuq il-post jew b'riżultat ta' verifiki addizzjonali ta' kwistjonijiet sistemiċi), verifiki addizzjonali mis-CA jew riżultati tal-awditjar preliminari jew abbozzati li jkunu taħt il-proċedura kontradittorja fiż-żmien meta jkunu qed jiġu ppreparati l-kontijiet. F'dan il-każ, hu rakkomandat li s-CA, fuq talba tal-MA jew b'riżultat tar-responsabbiltajiet tagħha stess, teskludi n-nefqa kkonċernata mill-kontijiet fir-rigward ta' dik is-sena kontabilistika, sakemm jitwettaq ix-xogħol kollu ta' verifika u ssir il-konklużjoni tal-valutazzjoni. Il-MA u l-AA jinżammu infurmati b'din l-esklużjoni, li hi indikata minn kumment fit-tabella dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa fil-kontijiet (ara l-appendiċi hawn fuq u *l-Gwida tal-Kummissjoni dwar it-tħejjija, l-eżaminazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet EGESIF 15_0018*). Jekk l-ammonti li jkunu ġew esklużi qabel jinstabu li huma eleġibbli wara s-sottomissjoni tal-kontijiet għal sena kontabilistika, jistgħu jiġu inklużi f'applikazzjoni sussegwenti għal pagament interim tas-sena kontabilistika ta' wara, skont l-Artikolu 137(2) tas-CPR.

### 1.4 Id-dejta relatata mal-indikaturi, l-istadji importanti u l-progress tal-programm meħtieġ skont l-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR hi affidabbli

Il-MA tista' tagħti konferma dwar l-affidabbiltà tad-dejta relatata mal-indikaturi, l-istadji importanti u l-progress tal-programm (indikaturi komuni u speċifiċi għall-programm kif ukoll dejta finanzjarja relatata mal-programm) meta jkollha sistema kompjuterizzata effettiva stabbilita biex tiġbor, tirreġistra u taħżen dejta dwar kull operazzjoni, kif indikat fit-taqsima 1.1.3 hawn fuq. Il-MA hi sodisfatta li l-proċeduri stabbiliti, b'qies tal-istandards tal-IT aċċettati b'mod internazzjonali[4], ħadmu b'mod effettiv biex jiżguraw is-sigurtà tas-sistema.

Barra minn hekk, il-MA hi sodisfatta permezz tal-proċeduri, l-istruzzjonijiet u l-verifiki tagħha, li għal kull operazzjoni jinżammu rekords dettaljati ta' kontabbiltà u dokumenti ta'

[4] Minbarra l-qafas COBIT (Objettivi ta' Kontroll għall-Informazzjoni u Teknoloġija relatata), l-istandards aċċettati internazzjonalment għas-sigurtà tal-informazzjoni jinkludu u mhumiex limitati għall-istandard ISO/IEC 27001 ("Teknoloġija tal-informazzjoni - Tekniki tas-sigurtà - sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni – Rekwiżiti") u l-istandard ISO/IEC 27002 ("Teknoloġija tal-informazzjoni - Tekniki tas-sigurtà - Kodiċi tal-prattika għall-kontrolli tas-sigurtà tal-informazzjoni"), maħruġa mill-ġdid l-aħħar fl-2013. L-AA tista' tikkunsidra wkoll kwalunkwe standard nazzjonali relatat.

sostenn fil-livell xieraq ta' maniġment, u b'hekk hu żgurat rendikont adegwat tal-awditjar. Fl-aħħar nett, il-MA qieset ukoll ir-riżultati tal-awditjar imwettaq mill-korpi tal-AA jew tal-UE dwar l-affidabbiltà tad-dejta fir-rigward tal-indikaturi u tal-istadji importanti skont l-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR.

### 1.5 Hemm stabbiliti miżuri kontra l-frodi effettivi u proporzjonati li jqisu r-riskji identifikati

L-Artikolu 125(4)(c) tas-CPR jistabbilixxi li l-MA għandha tistabbilixxi miżuri kontra l-frodi effettivi u proporzjonati li jqisu r-riskji identifikati. Il-*Gwida tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u miżuri kontra l-frodi proporzjonati (EGESIF 14-0021-000 tas-16/06/2014)* tagħti għajnuna u rakkomandazzjonijiet lill-MAs f'dan ir-rigward.

Il-MA hi f'pożizzjoni li tagħti l-konferma meħtieġa meta tkun stabbilixxiet miżuri kontra l-frodi li huma proporzjonati mar-riskji identifikati u magħmula apposta għal sitwazzjonijiet speċifiċi relatati mat-tqassim tal-FSIE fi programm u reġjun partikolari. Hu rakkomandat li l-MA tikkorrobora l-konferma tagħha dwar l-eżistenza ta' miżuri antifrodi effettivi u proporzjonati billi żżomm informazzjoni aġġornata dwar l-għadd ta' każijiet ta' frodi suspettati u stabbiliti li ttrattat u billi tanalizza l-modus operandi ta' dawn il-każijiet imsemmija l-aħħar u l-kontrolli li kienu nieqsa li ppermettew li jseħħu dawn il-każijiet stabbiliti.

### 1.6 Ma hemm ebda kwistjoni mhux żvelata li tista' tkun ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-politika ta' koeżjoni

Għall-fini ta' din il-konferma l-MA hi sodisfatta li ma taf b'ebda kwistjoni mhux żvelata relatata mal-implimentazzjoni tal-programm li tista' tkun ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. Għal dan il-għan, il-MA kellha tiżvela u taqsam l-informazzjoni kollha rilevanti disponibbli mal-awtoritajiet tal-programm, is-servizzi nazzjonali kompetenti għall-investigazzjoni tal-frodi, is-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mill-Fond tas-SIE u, fejn xieraq, OLAF. Din tinkludi informazzjoni llinkjata man-nuqqasijiet identifikati fl-MCS, irregolaritajiet jew suspetti ta' frodi jew korruzzjoni.

## 2. Is-sommarju annwali

Il-MA għandna tfassal sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u l-portata tal-iżbalji u tan-nuqqasijiet identifikati fis-sistema, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda jew ippjanati. Fil-leġiżlazzjoni tal-UE ma hemm ebda mudell għas-sommarju annwali. Sabiex ikun promoss approċċ konsistenti, fl-Anness I hu rakkomandat mudell li mhuwiex vinkolanti.

Is-sommarju annwali għandu jipprovdi stampa globali u sintetika tar-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni, tal-kontrolli u tal-awditi finali mwettqa fir-rigward tan-nefqa ddikjarata waqt sena kontabilistika u mdaħħla fil-kontijiet. Hu wieħed mill-bażijiet li fuqhom tinbena d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u jikkomplementa l-informazzjoni inkluża fil-kontijiet u fl-ACR.

Biex ma jkunx hemm piżijiet u xogħol duplikat amministrattivi, il-Kummissjoni tirrakkomanda li s-sommarju annwali ma għandux jirrepeti informazzjoni disponibbli fl-ACR li għandha tiġi ppreżentata lill-AA. Minflok, il-kontroreferenzi għal taqsimiet speċifiċi tal-ACR għandhom jitqiesu fis-sommarju annwali bħala l-aqwa opzjoni. It-taqsimiet korrispondenti tal-ACR għalhekk jitqiesu bħala parti mis-sommarju annwali fuq ir-rapport finali tal-awditjar mitlub skont ir-Regolament Finanzjarju.

Għall-preparazzjoni tas-sommarju annwali hu mistenni li l-proċeduri stabbiliti jiżguraw:

a. il-ġbir tar-riżultati finali tal-awditi u l-kontrolli kollha mwettqa mill-korpi rilevanti għal kull programm, inklużi l-verifiki ta' ġestjoni mwettqa mill-MA jew minn korpi intermedjarji f'isimha u l-awditi mwettqa mill-AA jew taħt l-awtorità tagħha;

b. analiżi tan-natura u l-portata tal-iżbalji u tad-dgħufijiet identifikati fis-sistemi u s-segwitu sussegwenti ta' dawn in-nuqqasijiet (l-azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata);

c. l-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva u preventiva f'każ ta' identifikazzjoni ta' żbalji sistemiċi.

## 2.1 Xogħol imwettaq mill-MA fit-tfassil tas-sommarju annwali

### 2.1.1 Daħla

Il-MA għandha tinkludi d-dejta kollha rilevanti dwar il-verifiki ta' ġestjoni mwettqa u l-analiżi li toħroġ minnhom fis-sommarju annwali nnifsu, tagħti r-responsabbiltà għall-aggregazzjoni tal-informazzjoni lil korpi differenti jew fil-każ tal-awditi tagħmel kontroreferenzi mal-ACR kif jitqies xieraq.

Il-lista ta' kontrolli mwettqa għandha ssir mill-MA fuq il-bażi tal-verifiki amministrattivi u l-verifiki fuq il-post imwettqa direttament minnha jew minn kull korp intermedjarju li tkun iddelegatlu kontrolli bħal dawn, taħt is-superviżjoni tagħha.

Għal programmi tal-ETC, kull Stat Membru jew pajjiż terz parteċipanti jista' jiddeċiedi li jagħżel korp jew persuna biex twettaq dawn il-kontrolli fir-rigward tal-benefiċjarji fit-territorju tiegħu (il-"kontrolluri"). F'dan il-każ, il-MA għandha tkun sodisfatta li n-nefqa dikjarata minn kull benefiċjarju li qed jipparteċipa f'operazzjoni ġiet ivverifikata minn kontrollur magħżul u li r-riżultati tal-verifiki huma rrappurtati fis-sommarju annwali.

### 2.1.2 Sommarju tar-rapporti finali tal-awditjar

Id-duplikazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' rapporti finali tal-awditjar għandha tiġi evitata peress li din l-informazzjoni diġà hi inkluża fl-ACR ippreparata mill-AA.

#### 2.1.2.1 Aspetti proċedurali

Fejn il-MA tagħżel li tinkludi d-dejta kollha rilevanti fis-sommarju annwali nnifsu, is-sommarju tar-rapporti finali tal-awditjar għandu jkun ippreparat mill-MA fuq il-bażi ta' informazzjoni li tkun waslet mingħand l-AA**.** Għalhekk hu essenzjali li l-AA tagħmel ir-rapporti finali tal-awditjar (rapporti tal-awditjar tas-sistema, rapporti dwar l-awditjar tal-operazzjonijiet, rapporti dwar l-awditjar tal-kontijiet) disponibbli lill-MA f'ħin xieraq.

Jekk ir-responsabbiltà għall-aggregazzjoni tal-informazzjoni relatata mas-sommarju tar-rapporti finali tal-awditjar tkun ingħatat lil korpi differenti (MA, AA, korpi tal-awditjar delegati), għandu jkun hemm arranġamenti stabbiliti bejn dawk il-korpi biex tkun żgurata koordinazzjoni adegwata u sistema affidabbli tal-informazzjoni li tappoġġja l-ġbir tad-dejta. Fil-każ ta' bażi tad-dejta komuni, l-AA u, fejn applikabbli, l-korpi tal-awditjar delegati, għandhom idaħħlu d-dejta relatata mar-rapporti finali tal-awditjar direttament fil-bażi tad-dejta komuni għall-fini kemm tas-sommarju annwali tal-MA kif ukoll tal-ACR.

F'każ li l-MA tiddeċiedi li ma tirrepetix l-informazzjoni li diġà tkun ingħatat mill-AA fl-ACR, għandha tinkludi fis-sommarju annwali kontroreferenzi xierqa għat-taqsimiet rilevanti tal-ACR (ara l-mudell propost tas-sommarju annwali fl-Anness 1)

### 2.1.2.2 In-natura u l-portata tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistema

Is-sommarju tar-rapporti finali tal-awditjar, li huma disponibbli wara l-proċedura kontradittorja ma' min qed jiġi awditjat, għandu jinkludi wkoll analiżi tan-natura u l-portata tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, inkluża l-identifikazzjoni ta' problemi b'karattru sistematiku.

Din l-analiżi tingħata mill-AA skont it-taqsimiet 4, 5 u 6 tal-ACR. Tinkludi l-elementi li ġejjin, li tista' ssir kontroreferenza għalihom fis-sommarju annwali:

- Fil-każ tal-awditi tas-sistemi, l-analiżi għandha tirreferi għall-elementi ewlenin tas-sistemi filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti minimi tal-qafas legali applikabbli (it-Tabella 10.1 tal-Anness IX tas-CIR u t-Tabella 1 tal-Anness IV tas-CDR). Fil-*"Gwida dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll" (EGESIF_14-0010 tat-18/12/2014)* hemm inklużi aktar pariri.

- fil-każ tal-awditi tal-operazzjonijiet, l-analiżi għandha tinkludi l-ammont ta' nefqa irregolari fil-kampjun aleatorju, ir-rata ta' żball totali, ir-rata ta' żball residwu totali, l-ammont ta' nefqa oħra awditjata barra l-kampjun aleatorju u l-korrezzjonijiet implimentati b'riżultat tar-rata ta' żball totali (it-Tabella 10.2 tal-Anness IX tas-CIR). L-analiżi għandha tinkludi wkoll jekk irregolarità ta' dan it-tip hijiex ta' natura sistematika jew anomala.

- Fil-każ ta' awditi tal-kontijiet, l-analiżi tal-iżbalji għandha tindika jekk l-eċċezzjonijiet misjuba jirreferux għall-preżentazzjoni, il-kompletezza jew il-preċiżjoni proprja tal-kontijiet u għandha tinkludi indikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula u riflessi fil-kontijiet.

### 2.1.2.3 Azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati

Fis-sommarju annwali l-MA għandha tiddeskrivi l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati, b'qies ta' jekk il-problemi identifikati ġewx ikkunsidrati li huma ta' karattru sistematiku. F'każijiet bħal dawn, fis-sommarju annwali l-MA tispjega kif il-kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari ġiet estiża għall-popolazzjoni kollha affettwata mill-problemi identifikati.

Il-MA tiddeskrivi liema miżuri korrettivi biex jitjieb il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ġew deċiżi u ttieħdu u li jippermettu l-prevenzjoni tar-ripetizzjoni tad-dgħufijiet sistemiċi identifikati. Meta miżuri bħal dawn għad iridu jiġu implimentati, il-MA tiddeskrivi l-miżuri korrettivi deċiżi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Id-deskrizzjoni tappoġġja l-informazzjoni rappurtata fit-taqsima rispettiva tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni (ara t-taqsima 1.2.1 hawn fuq). Il-MA tindika wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati fuq in-nefqa ċċertifikata lill-Kummissjoni u l-aġġustamenti korrispondenti fit-talbiet għal pagament u l-kontijiet interim b'riżultat ta' irregolaritajiet misjuba waqt l-awditi tal-operazzjonijiet.

Barra minn hekk, il-MA tista', fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mis-CA, tindika l-miżuri korrettivi meħuda fis-sejbiet tal-awditjar ta' segwitu relatati mal-kontijiet u kif dan wassal għall-aġġustamenti ta' kontabbiltà meħtieġa qabel ma ġew ippreżentati l-kontijiet lill-Kumissjoni.

Fl-aħħar nett, il-MA għandha tagħti figuri aggregati, skont l-assi prijoritarju, tal-ammont ta' korrezzjonijiet fil-kontijiet b'riżultat ta' irregolaritajiet misjuba u implimentati qabel u wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali. L-indikazzjoni tal-korrezzjonijiet implimentati wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali se tipprovdi mod kif issir kontroreferenza mat-tabella dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa - l-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014.

### 2.1.3 Sommarju tal-verifiki ta' ġestjoni

Fis-sommarju annwali l-MA għandha tinkludi informazzjoni sintetika dwar il-verifiki kollha amministrattivi u fuq il-post li twettqu u valutazzjoni tar-riżultati u l-impatt tagħhom fuq l-MCS u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa li ddaħlet fil-kontijiet. Id-dokument ta' gwida dwar il-verifiki ta' ġestjoni (EGESIF 14-0012) jipprovdi gwida dettaljata f'dan ir-rigward.

Is-sommarju tal-kontrolli amministrattivi dokumentarji mwettqa fuq in-nefqa dikjarata għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-metodoloġija li ntużat mill-MA matul is-sena u jikkonferma jekk il-kontrolli amministrattivi jew parti minnhom ġewx iddelegati lil korpi intermedjarji. F'dan il-każ is-sommarju annwali jista' jkun fih deskrizzjoni tal-proċeduri superviżorji stabbiliti waqt is-sena kontabilistika biex il-MA tkun sodisfatta mill-adegwatezza u l-konformità tax-xogħol ta' verifika mwettaq mill-korpi intermedjarji.

Il-metodoloġija għandha tindika jekk il-verifiki amministrattivi koprewx 100% tal-elementi ta' nefqa inklużi f'kull applikazzjoni għal rimborż jew jekk twettqux fuq il-bażi ta' kampjun. Jekk twettqu fuq il-bażi ta' kampjun, il-metodoloġija u l-kriterju tar-riskju użat għall-għażla tal-kampjun għandhom jiġu spjegati (eż. skont it-tip ta' benefiċjarju, il-kategorija tan-nefqa, il-valur tal-oġġetti, l-esperjenza tal-passat).

Is-sommarju tal-verifiki fuq il-post għandu jinkludi l-għadd ta' verifiki mwettqa fuq in-nefqa ddikjarata matul is-sena kontabilistika u deskrizzjoni tal-metodoloġija li ntużat mill-MA, inklużi l-kriterji biex intgħażlu operazzjonijiet suġġetti għal verifiki fuq il-post ta' dan it-tip u jekk l-għan ewlieni kienx biex jiġu konfermati jew komplimentati r-riżultati tal-verifiki amministrattivi. Id-deskrizzjoni tal-metodoloġija użata għall-verifiki fuq il-post iżżid ukoll il-valur tas-sommarju annwali jekk tirreferi wkoll għall-aspetti prinċipali verifikati fuq il-post, b'mod partikolari dawk l-aspetti li jew mhumiex possibbli jew hu diffiċli li jiġu vverifikati waqt verifiki amministrattivi dokumentarji (eż. il-konferma tar-realtà tal-entrati tal-kontabbiltà fil-kontijiet uffiċjali tal-benefiċjarji, il-kontroll tar-realtà tal-operazzjoni, il-progress fiżiku, ir-rispett tar-regoli tal-Unjoni dwar il-pubbliċità, it-twassil tal-prodott jew tas-servizz b'konformità sħiħa mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet kuntrattwali).

Fil-każ li l-Kummissjoni tkun talbet id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-proċeduri stabbiliti għall-MA skont l-Artikolu 124(3) tas-CPR, ikun biżżejjed li tingħata referenza għat-taqsima rilevanti tad-deskrizzjoni fejn hi deskritta l-metodoloġija.

Fejn l-istess metodoloġija jew kriterji ikomplu jiġu applikati fis-snin ta' wara jew għall-verifiki amministrattivi dokumentarji jew dawk fuq il-post, il-MA tista' tagħmel referenza għad-deskrizzjoni mogħtija fis-sommarji annwali ta' qabel. Madankollu, għandha tiġi żvelata kull bidla fil-metodoloġija.

Għall-programmi tal-ETC, meta tkun qed issir l-aggregazzjoni tal-informazzjoni dwar ix-xogħol ġenerali mwettaq fil-livell tal-programm, il-MA għandha tkun sodisfatta li n-nefqa għal kull benefiċjarju li qed jipparteċipa f'operazzjoni ġiet ivverifikata minn kontrollur maħtur f'kull Stat Membru jew pajjiż terz.

#### 2.1.3.1 In-natura u l-portata tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi

Il-MA hi mitluba li fis-sommarju annwali tagħha tinkludi deskrizzjoni tar-riżultati ewlenin li joħorġu mill-verifiki amministrattivi u l-verifiki fuq il-post, inkluża lista tat-tipi ewlenin ta' żbalji misjuba. Il-MA għandna tindika jekk l-iżbalji jirreferux għar-regoli ta' eleġibbiltà, l-objettivi tal-proġett li ma ntlaħqux, ir-rendikont tal-awditjar, il-ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-regoli ambjentali, id-dispożizzjonijiet dwar l-istrumenti finanzjarji, l-operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul, l-affidabbiltà tad-dejta jew tal-

indikaturi, il-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, l-opzjonijiet tal-ispejjeż simplifikati, id-durabbiltà tal-operazzjonijiet, l-opportunitajiet indaqs, il-ġestjoni finanzjarja tajba jew oħrajn.

Din it-taqsima tas-sommarju annwali għandha tindika wkoll jekk l-iżbalji misjuba matul il-verifiki amministrattivi jew fuq il-post humiex ta' natura sistematika jew humiex relatati ma' kompiti delegati mill-MA lil xi korp intermedjarju.

### 2.1.3.2 Azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati

Il-MA twettaq valutazzjoni tal-iżbalji misjuba matul is-sena. Il-MA tindika x'konklużjonijiet waslet għalihom minn dawn il-verifiki u kontrolli ta' ġestjoni u tindika l-miżuri korrettivi li adottat fir-rigward ta' kwalunkwe titjib fil-funzjonament tal-MCS jew ta' operazzjonijiet individwali, inklużi struzzjonijiet, gwida u taħriġ ippjanat jew mogħti lill-benefiċjarji u kandidati biex tevita r-ripetizzjoni tal-istess żbalji f'operazzjonijiet futuri.

Meta l-MA tikkonkludi li l-iżbalji misjuba huma ta' natura sistemika, il-MA hi mistiedna li fis-sommarju annwali tindika liema miżuri korrettivi ttieħdu biex ittejjeb il-funzjonament tal-MCS u biex tevita r-ripetizzjoni tad-dgħufijiet sistemiċi identifikati.

Fejn l-iżbalji misjuba huma attribwiti lil kompiti delegati lil korp intermedjarju, il-MA hi mistiedna tindika l-miżuri li talbet mingħand il-korp intermedjarju biex itejjeb il-verifiki amministrattivi u l-verifiki fuq il-post tiegħu. Barra minn hekk, jekk ikun meħtieġ, il-MA tista' tiddeskrivi kif irrevediet il-proċeduri tagħha biex timmonitorja l-kompiti delegati lill-korp intermedjarju (eż bit-twettiq mill-ġdid tal-prestazzjoni tal-verifiki jew tal-verifiki fuq il-post imwettqa mill-korp intermedjarju, jekk meħtieġ). Jekk dan hu l-każ, il-MA tista' tindika wkoll li kkunsidrat mill-ġdid u possibbilment irtirat id-delega tal-kompiti fejn instabu dgħufijiet ripetuti fil-kompiti delegati mingħajr titjib maż-żmien.

Fejn il-verifiki amministrattivi jew fuq il-post wasslu għal aġġustamenti fil-kontijiet meta mqabbel man-nefqa inkluża fil-pagamenti interim f'sena waħda, wara korrezzjonijiet individwali jew sistemiċi, ikun ta' għajnuna jekk jiġu indikati l-ammonti kkonċernati skont l-assi prijoritarju fis-sommarju annwali. Dan jiffaċilita x-xogħol tas-CA u tal-AA biex jiżguraw li dawn il-korrezzjonijiet ġew riflessi kif suppost fil-kontijiet li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

Bl-istess mod kif hu indikat għas-sommarju tar-rapporti finali tal-awditjar skont it-taqsima 2.1.2.3, il-MA għandha tagħti figuri aggregati, skont l-assi prijoritarju, tal-ammont ta' korrezzjonijiet fil-kontijiet b'riżultat ta' irregolaritajiet misjuba u implimentati qabel u wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali. L-indikazzjoni tal-korrezzjonijiet implimentati wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali se tipprovdi mod kif issir kontroreferenza mat-tabella dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa - l-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014.

## 3. Xogħol imwettaq mill-AA fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni

Skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Finanzjarju, l-AA għandha wara l-opinjoni tal-awditjar tiddikjara jekk ix-xogħol tal-awditjar ipoġġix dubji fuq l-asserzjonijiet magħmula mill-MA fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Għalhekk l-AA għandha tqabbel l-asserzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni mar-riżultat tax-xogħol ta' awditjar tagħha, biex tkun sodisfatta li mhemm ebda diverġenza jew inkonsistenza.

F'każ li jkun hemm diverġenzi jew inkonsistenzi, hu rakkomandat li l-AA tiddiskuti l-osservazzjonijiet tagħha mal-MA biex din tagħti informazzjoni addizzjonali jew temenda d-

dikjarazzjoni ta' ġestjoni, jekk iż-żmien jippermetti dan.

Għall-programmi tal-ETC, għandha tkun responsabbli AA unika għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-AA biex ikunu żgurati standards uniformi fil-qasam sħiħ tal-programm. Fejn dak ma jkunx possibbli, l-AA tal-programm għandha tkun megħjuna minn grupp ta’ awdituri. F'dan il-każ, il-grupp ta' awdituri li jirrappreżenta kull Stat Membru jew kull pajjiż terz li qed jipparteċipa fi programm ta' kooperazzjoni għandu jkun responsabbli għall-għoti tal-elementi tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li jirrelataw mat-territorju tiegħu sabiex l-AA tal-programm tkun f'pożizzjoni li twettaq il-valutazzjoni tagħha.

## 4. L-iskedar u l-ippjanar

L-Artikolu 138 tas-CPR jiddikjara li d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali (flimkien mal-kontijiet, l-opinjoni tal-awditjar u r-rapport ta' kontroll) għandhom jiġu sottomessi għal kull sena kontabilistika mill-2016 sa u inkluża l-2025 sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri l-15 ta' Frar tas-sena ta' wara. B'mod eċċezzjonali l-Kummissjoni tista' testendi din l-iskadenza sal-1 ta' Marzu, wara talba ġustifikata mill-Istat Membru kkonċernat. Din l-skadenza tapplika għad-dokumenti kollha deskritti hawn fuq. Hi r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jiddefinixxi l-proċeduri tiegħu biex jittrażmetti d-dokumenti internament biex din l-iskadenza tiġi rispettata fil-livell tal-Istat Membru.

Il-MA għandha tagħmel disponibbli lill-AA kopja tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tagħha u s-sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u l-kontenut tal-iżbalji u tad-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati. Għal dan**,** hu rakkomandat li l-awtoritajiet tal-programm jaqblu dwar skadenzi interni xierqa għat-trażmissjoni tad-dokumenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-iskop tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Il-korrispondenza kollha bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni relatata mal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 59(5)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju se tiġi skambjata permezz tal-SFC 2014.

L-Anness 2 jippreżenta skeda ta' żmien indikattiva tax-xogħol bejn l-awtoritajiet tal-programm biex ikunu jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni d-dokumenti ta' assigurazzjoni deskritti hawn fuq sal-iskadenza regolatorja tal-15 ta' Frar kull sena.

Hu rakkomandat li l-MA tassenja responsabbiltajiet ċari biex tiżgura li d-dejta kollha meħtieġa għat-tħejjija tas-sommarju annwali tinkiseb mis-servizzi tagħha u mill-korpi intermedjarji li lilhom ikunu ġew iddelegati ċertu kompiti, fejn applikabbli. Dan għandu jinkludi lista tal-kontrolli kollha mwettqa flimkien ma' sommarju u analiżi tar-riżultati tagħhom inkluża informazzjoni dwar il-problemi ewlenin identifikati u l-azzjoni korrettivi meħuda jew ippjanati.

Barra minn hekk, għandhom isiru arranġamenti mal-AA għall-forniment tal-informazzjoni rilevanti dwar ir-riżultati tal-awditjar finali, lista tar-rapporti finali tal-awditjar u kontroreferenza għat-taqsimiet rilevanti tal-ACR.

Titqies prattika amministrattiva tajba li l-MA tiżgura li l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħejjija tas-sommarju annwali u għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tkun analizzata fil-livell xieraq u kkonsolidata b'mod li jitħalla żmien biżżejjed għall-firma tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Skont l-Artikolu 83(1)(c) tas-CPR, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni jista' jinterrompi l-iskadenza għall-pagament għal pagament interim jekk ma jiġix sottomess wieħed mid-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri fost oħrajn id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni jew is-sommarju annwali.

***<u>Dispożizzjonijiet tranżitorji għall-adozzjoni fit-tard tal-programmi jew il-ħatra fit-tard tal-MA</u>***

Il-MA għandha tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali fuq il-bażi tal-implimentazzjoni tal-programm matul is-sena kontabilistika li tispiċċa fit-30 ta' Ġunju kif previst fil-mudell tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni stipulata fl-Anness VI tas-CIR, bil-kundizzjoni li nħatret skont l-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Jekk il-programm ġie adottat sat-30 ta' Ġunju 2015 u l-ħatra tal-MA ġiet notifikata lill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Lulju 2015 u l-15 ta' Frar 2016, il-MA għandha tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli lilha mid-data tal-ħatra u sad-data ta' meta l-kontijiet ġew sottomessi lill-Kummissjoni.

Min-naħa l-oħra, jekk il-programm ma ġiex adottat sat-30 ta' Ġunju 2015 jew il-ħatra tal-MA ma ġietx notifikata lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2016, l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ jipprovdi lill-Kummissjoni bid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni jew bis-sommarju annwali.

## ANNESS 1 - MUDELL GĦAS-SOMMARJU ANNWALI

*Sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli kollha mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u tal-portata tal-iżbalji u tad-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, kif ukoll l-azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata.*

A) Sommarju tar-**rapporti finali tal-awditjar** li nħarġu fir-rigward ta

- awditi tal-MCS stabbiliti għall-programm
- awditi tan-nefqa ddikjarata waqt is-sena kontabilistika li ntemmet fit-30 ta' Ġunju ... (sena);
- awditi tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 127(5) (a) tas-CPR u l-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

| Tip ta' awditjar | Riżultat tal-awditi | Analiżi tan-natura u l-portata tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati | Azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata |
|---|---|---|---|
| Awditi tas-sistemi | Ref għar-rapporti / deskrizzjoni tal-ambitu<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Tabella 10.1 tal-Anness IX tas-CIR) | Ref għar-rapporti / deskrizzjoni tal-ambitu<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Taqsimiet 4.3, 4.4, 4.6 tal-Anness IX tas-CIR) | Ref għar-rapporti / deskrizzjoni tal-ambitu<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Taqsimiet 4.4, 4.5 tal-Anness IX tas-CIR) |
| Awditi tal-operazzjonijiet | Ref għar-rapporti / Lista ta' operazzjonijiet<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Tabella 10.2 u t-Taqsima, 5.13 tal-Anness IX tas-CIR) | Ref għar-rapporti / Lista ta' operazzjonijiet<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Taqsimiet 5.7, 5.10, 5.11 tal-Anness IX tas-CIR) | Ref għar-rapporti / Lista ta' operazzjonijiet<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Taqsimiet 5.8, 5.11, 5.12 tal-Anness IX tas-CIR) |
| Awditjar tal-Kontijiet | Ref għar-rapporti / deskrizzjoni tal-ambitu<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it-Taqsima 6.3 | Ref għar-rapporti / deskrizzjoni tal-ambitu<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it- | Ref għar-rapporti / deskrizzjoni tal-ambitu<br><br>jew<br><br>Kontroreferenza għall-ACR (it- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | tal-Anness IX tas-CIR) | Taqsima 6.4 tal-Anness IX tas-CIR) | Taqsima 6.3 tal-Anness IX tas-CIR) |

| | | |
|---|---|---|
| Ammont ta' korrezzjonijiet fil-kontijiet b'riżultat ta' irregolaritajiet misjuba u implimentati qabel u wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali. | | |
| | **Sas-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali**<br><br>**Ammont aggregat (EUR)** | **Wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali**<br><br>(ref. għat-tabella dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa - l-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 1011/2014)<br><br>**Ammont aggregat (EUR)** |
| **Assi prijoritarju 1** | | |
| **Assi prijoritarju 2** | | |

B) Sommarju tal-kontrolli mwettqa fuq in-nefqa fir-rigward tas-sena kontabilistika li ntemmet fit-30 ta' Ġunju ... (sena): **verifiki amministrattivi** skont l-Artikolu 125(5)(a) tas-CPR

F'din il-formola agħti deskrizzjoni fil-qosor jew sommarju ta'

- il-metodoloġija adottata u d-dettalji tal-valutazzjoni tar-riskju li saret: verifika ta' kull element ta' nefqa jew fuq il-bażi ta' kampjun. Jekk fuq il-bażi ta' kampjun, indika l-bażi tal-kampjun eż. skont it-tip ta' benefiċjarju, il-kategorija tan-nefqa, il-valur tal-oġġetti, l-esperjenza tal-passat eċċ... Fil-każ li l-Kummissjoni tkun talbet id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-proċeduri stabbiliti għall-awtorità ta' ġestjoni skont l-Artikolu 124(3) tas-CPR, ikun biżżejjed li tingħata referenza għat-taqsima rilevanti tad-deskrizzjoni fejn hi deskritta l-metodoloġija Meta l-metodoloġija tinbidel din it-taqsima tas-sommarju annwali għandha tinkludi l-informazzjoni aġġornata.

- ir-riżultati ewlenin u t-tip(i) ta' żbalji misjuba

- Konklużjonijiet li ħarġu minn dawn il-kontrolli u konsegwentement, il-miżuri korrettivi adottati fir-rigward pereż. il-funzjonament tal-MCS, b'mod partikolari meta jinstabu irregolaritajiet sistemiċi, il-ħtieġa għall-aġġornament tal-metodoloġija għall-verifiki dwar il-ġestjoni u tal-istruzzjonijiet jew il-gwida għall-benefiċjarji, eċċ...

- Korrezzjonijiet finanzjarji applikati, skont l-assi prijoritarju, b'riżultat tal-verifiki dwar il-ġestjoni mwettqa fir-rigward tan-nefqa li għandha tiddaħħal fil-kontijiet

| Deskrizzjoni tal-metodoloġija adottata | |
|---|---|
| **<u>Ir-riżultati ewlenin u t-tip ta' żbalji misjuba</u>**<br><br><u>(Agħżel mil-lista mogħtija fit-Taqsima 201.3.1)</u><br><br>Proġetti ineliġibbli<br>Objettivi tal-proġett mhux milħuqa<br>Nefqa ineliġibbli<br>Rendikont tal-awditjar<br>Akkwist pubbliku<br>Għajnuna mill-Istat<br>Strument finanzjarju<br>Operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul<br>Affidabbiltà tad-dejta u tal-indikaturi<br>Miżuri ta’ informazzjoni u pubbliċità<br>Regoli ambjentali<br>Opzjoni ta’ spejjeż simplifikati<br>Durabbiltà tal-operazzjonijiet<br>Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, opportunitajiet indaqs<br>Nondiskriminazzjoni<br>Ġestjoni finanzjarja tajba<br><br>[Ieħor] (Speċifika) | Konklużjonijiet imfassla u azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata [skont in-natura tal-irregolarità, jiġifieri individwali jew sistematika] |
| | |

Ammont ta' korrezzjonijiet fil-kontijiet b'riżultat ta' irregolaritajiet misjuba u implimentati qabel u wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali, aggregati skont l-assi prijoritarju.

| | **Sas-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali**<br><br>**<u>Ammont aggregat (EUR)</u>** | **Wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali**<br>(ref. it-tabella dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa - l-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014)<br><br>**<u>Ammont aggregat (EUR)</u>** |
|---|---|---|
| **<u>Assi prijoritarju 1</u>** | | |
| **<u>Assi prijoritarju 2</u>** | | |

C) <u>Sommarju tal-kontrolli mwettqa fuq in-nefqa fir-rigward tas-sena kontabilistika li ntemmet fit-30 ta' Ġunju ... (sena): **verifiki fuq il-post** skont l-Artikolu 125(5)(b) tas-CPR</u>

Fil-mudell li ġej agħti l-għadd totali ta' verifiki fuq il-post imwettqa u deskrizzjoni fil-qosor jew sommarju ta':

- il-metodoloġija applikata, l-objettiv tal-verifiki (biex jikkonfermaw jew jikkomplementaw ir-riżultat ta' verifiki amministrattivi); l-aspetti vverifikati; eċċ... Fil-każ li l-Kummissjoni tkun talbet id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-proċeduri stabbiliti għall-MA skont l-Artikolu 124(3) tas-CPR, ikun biżżejjed li tingħata referenza għat-taqsima rilevanti ta' din id-deskrizzjoni. Meta l-metodoloġija tinbidel din it-taqsima tas-sommarju annwali għandha tinkludi l-informazzjoni aġġornata.

- ir-riżultati ewlenin u t-tip ta' żbalji misjuba

- konklużjonijiet li ħarġu minn dawn il-kontrolli u konsegwentement, il-miżuri korrettivi adottati fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, b'mod partikolari meta jinstabu irregolaritajiet sistemiċi, il-ħtieġa għall-aġġornament tal-metodoloġija għall-verifiki tal-ġestjoni u/jew tal-istruzzjonijiet jew il-gwida għall-benefiċjarji, eċċ...

- korrezzjonijiet finanzjarji applikati, skont l-assi prijoritarju, b'riżultat tal-verifiki fuq il-post imwettqa fir-rigward tan-nefqa li għandha tiddaħħal fil-kontijiet

<table>
<tr><td colspan="2">Deskrizzjoni tal-metodoloġija adottata</td></tr>
<tr><td><u>Ir-riżultati ewlenin u t-tip ta' żbalji misjuba</u><br><br><u>(Agħżel mil-lista mogħtija fit-Taqsima 2.1.3.1.)</u><br><br>Proġetti ineliġibbli<br>Objettivi tal-proġett mhux milħuqa<br>Nefqa ineliġibbli<br>Rendikont tal-awditjar<br>Akkwist pubbliku<br>Għajnuna mill-Istat<br>Strument finanzjarju<br>Operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul<br>Affidabbiltà tad-dejta u tal-indikaturi<br>Miżuri ta’ informazzjoni u pubbliċità<br>Regoli ambjentali<br>Opzjoni ta’ spejjeż simplifikati<br>Durabbiltà tal-operazzjonijiet<br>Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, opportunitajiet indaqs<br>Nondiskriminazzjoni<br>Ġestjoni finanzjarja tajba<br><br>[Ieħor] (Speċifika)</td><td>Konklużjonijiet imfassla u azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata [skont in-natura tal-irregolarità, jiġifieri individwali jew sistematika]</td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| Ammont ta' korrezzjonijiet fil-kontijiet b'riżultat ta' irregolaritajiet misjuba u implimentati qabel u wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali, aggregati skont l-assi prijoritarju. | | |
| | **Sas-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali**<br><br>**Ammont aggregat (EUR)** | **Wara s-sottomissjoni tat-talba għal pagament interim finali**<br>(ref. it-tabella dwar ir-rikonċiljazzjoni tan-nefqa – l-Appendiċi 8 tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014)<br><br>**Ammont aggregat (EUR)** |
| **Assi prijoritarju 1** | | |
| **Assi prijoritarju 2** | | |

## ANNESS 2 - SKEDA TA' ŻMIEN INDIKATTIVA

